Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,202, 5 ta' Marzu, 2024

Taqsima B

A.L. 49 tal-2024

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2024 dwar Għajnuna għal Bidu ta' Negozju (2024)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-Intrapriza ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar Għajnuna għal Bidu ta' Negozju (2024).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 463.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"impriża eliġibbli" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha mil-Linji Gwida;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta kif imwaqqfa skont l-artikolu 7 tal-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-Linji Gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att, li jistabbilixxu l-parametri tal-implimentazzjoni tal-għajnuna mogħtija bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti.

Għajnuna għall-impriżi eliġibbli.

3. Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-impriża hija impriża eliġibbli kif preskritt fil-Linji Gwida, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għajnuna lil dawk l-impriżi skont it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

4. (1) Applikazzjonijiet għall-għajnuna biex isostnu impriżi eliġibbli taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru 2026.

(2) L-ebda għajnuna taħt dawn ir-regolamenti ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2026.

Dispożizzjoni tranżitorja.

5. F'każ li tinħareġ skema ġdida, id-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tkun ingħatat l-għajnuna qabel il-ħruġ tal-iskema l-ġdida għandhom jibqgħu japplikaw għaliha.